MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2014

Numru. 629/2014

**Il-Pulizija**

**(Spt. Jason Francis Sultana)**

**vs**

**Jaser Alzghoul**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Jaser Alzghoul** ta’ 32 sena, bin Talab u Susan nee’ Elfnabi, imwieled Jordan nhar it-23 ta’ Lulju 1982, residenti 7, Pace, Flat 5, Triq tal-Kubrit, Gzira u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 529113L:

Akkuzat talli nhar it-3 ta’ Lulju, 2014 ghal habta ta’ 1830hrs gewwa Gzira:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Rdowan Hijazi f’periklu car, hebb ghall-istess Rdowan Hijazi, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 54192M u kkagunalu offizi gavi kif iccertifikat minn Dr. Alfred Aquilina MD mic-Centru tas-Sahha Floriana;

2. ukoll talli fl-istess cirkostanzi, volontarjament hebbejt ghal Alnafouri Mohamad Nour u kkagunajtlu feriti ta’ natura hafifa skond certifikat minn Dr. Karl Causon MD;

3. aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 412C fejn tiprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Rdowan Hijazi u lil Alnafouri Mohamad Nour u r-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-ewwel seduta tal-kumpilazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza u stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati;

Wara li rat l-artikoli 214, 216(1), 221(1), 338 (dd) tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

Wara li rat id-dikjarazzjoni tal-ufficcjal prosekutur li l-imputat ghandu fedina penali nadifa;

Taqta' u tiddeciedi illi stante li piena karcerarja mhix idonea f'dan il-kaz, tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jghamilx rejat iehor sa zmien sentejn mil-lum fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta;

Inoltre qed tohrog ordni ta' protezzjoni ghal-zmien sentejn mil-lum ghas-sigurta ta' Rdowan Hijazi u Alnafouri Mohamad Nour fit-termini tal-artikolu 412C bl-obligazzjoni tal-imputat.

Il-Qorti ghaddiet bix tfisser lill-imputat l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza;

Stante li l-prosekuzzjoni ma kellhiex il-kunsens tal-avukat generali sabiex il-kawza tkun trattata u deciza bil-procedura sommarja, tordna li l-atti jintbaghatu lill-avukat generali fi zmien li trid il-ligi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------